

31996R2017

L 270/2

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

23.10.1996

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2017/96**tat-22 ta' Ottubru 1996****li jemenda L-Anness III ta' Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 li jstabilixxi kull proċedura tal-Komunità biex jiġu stabbiliti limiti massimi ta' residwu ta' prodotti mediċinali veterinarji fi prodotti ta' l-ikel li ġejjin mill-annimali.**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 tas-26 ta' Ġunju 1990 li jstabilixxi proċedura tal-Komunità għat-twaqqif tal-limiti massimu ta' residwu ta' prodotti mediċinali veterinarji fi prodotti ta' l-ikel⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2010/96⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikoli 6, 7 u 8 dwar dan,

Billi, b'mod konformi ma Regolament (KEE) Nru 2377/90, limiti massimi ta' residwu jridu jiġu stabbiliti progressivament għal kull sustanza farmakoloġikament attiva li hi wżata fil-Komunità fi prodotti mediċinali veterinarji maħsuba għat-tehdid mill-annimali li jipproduċu l-ikel;

Billi limiti massimi ta' residwu għandhom jiġu stabbiliti biss wara eżami fi ħdan il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali Veterinarji ta' l-informazzjoni rilevanti kollha dwar is-sigurtà ta' residwi tas-sustanza kkonċernata ta' prodotti ta' l-ikel li ġejjin mill-annimali għall-konsumatur u l-impatt ta' residwi fuq l-ipproċessar industrijali tal-prodotti ta' l-ikel.

Billi, fit-twaqqif tal-limiti massimu ta' residwu għal residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji fi prodotti ta' l-ikel li ġejjin mill-annimali, huwa meħtieġ li tiġi speċifikata l-ispeċi ta' l-annimali fejn residwi jistgħu ikunu preżenti, il-livelli li jistgħu jkunu preżenti f'kull wieħed mit-tessuti tal-laħam rilevanti miksuba mill-annimal ittrattat (tessut bersal) u n-natura tar-residwu li hi rilevanti għall-monitoraġġ ta' residwi (residwu markatur);

Billi, għall-kontroll ta' residwi, kif ipprovdut f'leġislazzjoni xierqa tal-Komunità, limiti massimi ta' residwu għandhom jiġu stabbiliti għat-tessuti bersalji ta' fwied jew kliewi; billi, madanakollu, il-fwied u l-kliewi huma ta' spiss imneħħija mill-karkassi li jispustaw fil-kummerċ internazzjonali, u limiti ta' residwu massimu għandhom għalhekk dejjem ikunu stabbiliti għall-tessuti ta' muskolu u grass;

Billi, fil-każ ta' prodotti mediċinali veterinarji maħsuba għall-użu f'għasafar li jbidu, annimali li jagħmlu l-ħalib jew żunżan li jagħmlu l-għasel, limiti massimu ta' residwu jridu jiġu stabbiliti għall-bajd, ħalib jew għasel;

Billi, sabiex tippermetti għat-tlestija ta' l-istudji xjentifiċi, aminosidine, cymiazole u marbofloxacin għandhom jiġu mdaħħla f'L-Annessi III mar-Regolament (KEE) Kru. 2377/90;

Billi, kull perijodu ta' 60 jum għandu jkun permess qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sabiex jippermetti lill-Istati Membri biex jagħmlu kull aġġustament li jista' jkun meħtieġ għall-awtroizzazzjonijiet li ġew mogħtija b'mod konformi mad-Direttiva tal-Kunsill 81/851/KEE⁽³⁾, kif l-aħħar emendata minn Direttiva 93/40/KEE⁽⁴⁾ biex jittieħed kont tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament biex il-prodotti mediċinali veterinarji kkonċernati jitqegħdu fis-suq.

Billi l-miżuri li għalihom hemm iprovdut f'dan ir-Regolament huma skond il-fehmiet tal-Kumitat Permanenti fuq Prodotti Mediċinali Veterinarji,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-Anness III mar-Regolament (KEE) Nru 2377/90 huwa b'dan emendat kif stabbilit f'L-Anness hawnhekk.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-60 jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament huwa rabta fl-intier tiegħu u applikabbli b'mod dirett f'kull Stat Membru.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Ottubru 1996.

Għall-Kummissjoni
 Martin BANGEMANN
 Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 1.
⁽²⁾ ĠU L 269, tat-22.10.1996, p. 5.

⁽³⁾ ĠU L 317, tas-6.11.1981, p. 1.
⁽⁴⁾ ĠU L 214, ta' l-24.8.1993, p. 31.

L-Anness III mar-Regolament (KEE) Nru 2377/90 hu modifikat kif ġej:

1. Aġenti anti-infettivi

1.2. Antibijotiċi

1.2.5. Aminoglycoside

Sustanza farmakoloġikament attiva	Residwu markatur	Speċi tal-annimal	LMR	Tessut bersal	Dispożizzjonijiet oħra
"1.2.5.6. Aminosidine	Aminosidine	Bovin, qżieqeż, fniek, tiġieġ	500 µg/kg	Muskolu	LMR proviżorji jiskadu fl-1.7.1998"
			1 500 µg/kg	Fwied, kliewi	

1.2.6. Kwinloni

Sustanza farmakoloġikament attiva	Residwu markatur	Speċi tal-annimal	LMR	Tessut bersal	Dispożizzjonijiet oħra
"1.2.6.3. Marbofloxacin	Marbofloxacin	Bovin	150 µg/kg	Muskolu, fwied, kliewi	LMR proviżorji jiskadu fl-1.7.1998"
			50 µg/kg	Grass	
			75 µg/kg	Ħalib	
		Qżieqez	150 µg/kg	Muskolu, fwied, kliewi	
			50 µg/kg	Grass + ġilda	

2. Aġenti anti-parassitiċi

2.2. Aġenti li jaġixxu kontra l-ekto-parassiti

2.2.3. Derivattivi tal-iminophenyl thiazolidine

Sustanza farmakoloġikament attiva	Residwu markatur	Speċi tal-annimal	LMR	Tessut bersal	Dispożizzjonijiet oħra
"2.2.3.1. Cymiazole	Cymiazole	Naħal	1 000 µg/kg	Għasel	LMR proviżorji jiskadu fl-1.7.1999"